**27 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Guiseppa Aquilina

*versus*

Domenico Sammut

**Lokazzjoni — Kondizzjoni Riżoluttiva — Ħanut — Kuntratti Kummerċjali — Purgazzjoni tal-Mora — Art. 1111 u 1659 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 121 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-kondizzjoni riżoluttiva taċita tgħodd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, għall-każ li waħda mill-partijiet tonqos mill-obligazzjonijiet tagħha; u jekk jittratta minn kuntratt ta' kiri, dan jista' jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kondizzjoni riżoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma teżegwix l-obligazzjoni tagħha.*

*Skond il-liġi kummerċjali, il-Qorti ma tistgħax takkorda lill-inadempjenti żmien biex jippurga l-mora, jekk ikun jittratta minn kuntratt kummerċjali; però dan id-divjet ma japplikax għall-każ fejn l-oġġett tal-kuntratt ikun il-lokazzjoni ta' fond kummerċjali, għax għal dan baqgħet applikabbli r-regola tal-Kodiċi Ċivili f'materja ta' lokazzjoni lli tagħti lill-Qorti l-fakoltà, skond iċ-ċirkustanzi, li takkorda l-beneficċju tal-purgazzjoni tal-mora.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut jikri minn għand l-attur Antonio Aquilina l-ħanut li qiegħed il-Marsa, Marsa Road numru 188, bil-kera ta' £30 fis-sena, li jitħallas biż-£2. 10. 0 fix-xahar, u għandu jagħti l-kera skadut mill-ewwel ta' Marzu 1957 l-hawn, u dan għalkemm ġie ripetutament mitlub biex iħallas; u illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 1957 l-istess konvenut ġie kundannat iħallas lill-istess attur Antonio Aquilina is-somma ta' £12. 10. 0 għall-kera bejn l-ewwel ta' Marzu 1957 u l-aħħar ta' Lulju 1957, u għal hekk, oltre l-ammont ġa kanonizzat b'dik is-sentenza, il-konvenut għandu jagħti £20 sal-aħħar ta' Marzu 1958; u li l-attur Giuseppe Aquilina,

bi skrittura in data 21 ta' Marzu 1957, kien ċeda lill-konvenut l-avvjament u d-dritt tal-inkwilinat tal-istess ħanut u begħlu l-vetrini li jinsabu fih; u illi b'sentenza ta' din il-Qorti, mogħtija fil-kawża "Giuseppe Aquilina vs. Domenico Sammut" fit-22 ta' Ottubru 1957, ġiet dikjarata xjolta ċ-ċessjoni tal-avvjament u tad-dritt ta' inkwilinat, kif ukoll il-bejgħ tal-vetrini, u l-konvenut ġie kundannat jirrestitwixxi l-vetrini sal-aħħar ta' Novembru 1957; u ġie wkoll kundannat iħallas għaxar liri (£10) fix-xahar mill-1 ta' Mejju 1957 sar-restituzzjoni tal-vetrini u tad-dritt tal-inkwilinat u avvjament; u li l-konvenut għadu ma rrestitwixxa xejn, u lanqas ma ħallas ebda ammont; talbu (1) illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur Antonio Aquilina s-somma ta' £20 lilu dovuta għall-kera tal-fond fuq imsemmi għall-perijodu bejn l-ewwel ta' Awissu 1957 u l-aħħar ta' Marzu 1958; (2) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-konvenut iddekada mill-lokazzjoni tal-fond fuq imsemmi, u għalhekk ixxolji l-lokazzjoni tal-istess fond minħabba morożità fil-ħlas tal-kera; (3) li l-konvenut jiġi kundannat jiżgombra l-istess fond fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilu fissat; (4) u li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur Giuseppe Aquilina s-somma ta' £110 bħala ammont dovut għall-użu tal-avvjament, inkwilinat u vetrini tal-fond fuq riferit mill-ewwel ta' Mejju 1957 sal-aħħar ta' Marzu 1958, u dan skond is-sentenza fuq indikata. Bl-ispejjeż, u b'riżerva għal drittijiet oħra u għall-kera u kumpens ulterjuri kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Tikkunsidra, riferibbilment għat-tliet domandi tal-attur Antonio Aquilina kontra l-konvenut;

Illi, kif wieħed jista' jirrikava min nota tal-eċċezzjonijiet, u kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni tal-konvenut, u aħjar mit-trattazzjoni orali tal-kawża, il-konvenut jammetti li baqa' lura fil-ħlas tal-kera fis-somma ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni; u għalhekk l-ewwel domanda hija ammessa. It-tieni u t-tielet domanda ġew magħmulin bħala konsegwenza tal-ewwel waħda, billi, skond l-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili, il-kondizzjoni riżoluttiva tgħodd dejjem bħala li ġiet magħmula fil-kuntratti bilaterali, għall-każ li waħda mill-

partijiet tonqos mill-obligazzjoni tagħha; u skond l-art. 1659 tal-istess Kodiċi, il-kiri jista' jinħall, għad li ma jkunx hemm il-kondizzjoni riżoluttiva, jekk waħda mill-partijiet ma teżegwix l-obligazzjoni tagħha, u dan evidentement bl-applikazzjoni għall-kuntratt tal-lokazzjoni taddispożizzjoni fl-ewwel lok ċitata, kontenuta fl-art 1111 tal-istess Kodiċi;

Però, il-konvenut qiegħed jitlob dak li wkoll hemm maħsub fl-imsemmijin dispożizzjonijiet tal-liġi, jiġifieri l-benefiċċju tal-purgazzjoni tal-mora, billi jingħad ukoll fl-art. 1111, illi l-kuntratt ma jinħallx "ipso jure", u l-Qorti tista' tagħti, skond iċ-ċirkustanzi, żmien xieraq, u, fl-art. 1659, li l-Qorti tista' tagħti lill-konvenut żmien moderat skond iċ-ċirkustanzi għall-eżekuzzjoni tal-obligazzjoni, kemm il-darba dan jista' jsir mingħajr ħsara għall-attur, jekk il-ħall tal-kuntratt ma jkunx ġie espressament mif-tiehem; fil-każ preżenti, il-ħall tal-kuntratt ma ġiex espressament konvenut;

Din il-Qorti, kif tinsab il-lum presjeduta, kellha bosta okkażjonijiet biex tesprimi ruħha fis-sens illi bil-promulgazzjoni tal-Att numru XIV tal-1933, magħmul espressament biex jirregola l-obligazzjonijiet kummerċjali, il-lum inkorporat fil-Kodiċi tal-Kummerċ (Titolu V), minħabba fid-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 8 ta' dak l-Att, il-lum art. 121 tal-Kodiċi Kummerċjali, il-purgazzjoni tal-mora kontemplata fl-imsemmi art. 1659 tal-Kodiċi Ċivili ma tistgħax tiġi aktar konċessa, u għadha tal-istess fehma; iżda l-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina reċentement irriteniet li għadha tista' tiġi konċessa, u għalhekk din il-Qorti sejra tikkonċediha;

Għaldaqstant;

Tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba tal-attur Antonio Aquilina, u adeżivament għat-tieni u għat-tielet domanda, kwante volte l-konvenut, fi tliet ġimgħat żmien mil-lum, ma jħallasx lill-attur is-somma tal-kera kollu arretrat dovut sal-lum;

L-ispejjeż jitħallsu minn għand il-konvenut;

Ma tieħux konjizzjoni tat-talba tal-attur Giuseppe Aquilina, billi dan ċediha u rrinunzja għaliha.